# LEĦEN IL-PARROĊĊA

## TA' SAN ĠILJAN

*NGĦARFU, INĦOBBU, NIDĦLU FIL-PARROĊĊA TAGĦNA*

**Nru. 21** **SETTEMBRU-OTTUBRU, 1966**

## IL-KELMA TAL-KAPPILLAN

Il-festa għaddiet. Kellna festa sabiħa li biha tajna glorja lil Alla u ġieh lill-qaddis patrun tagħna, San Ġiljan, u ċċelebrajna b'mod xieraq għeluq il-75 sena mit-twaqqif tal-parroċċa tagħna. Jiena nirringrazzja lil kull min b'mod jew ieħor kellu parti fl-organizzazzjoni tal-festa; u nispera li għas-sena d-dieħla jaħdmu b'aktar ħeġġa u entużjażmu.

Nixtieq illi l-imħabba li tiġbidna lejn il-Knisja fil-ġranet tal-festa, tibqa' timbuttana lejha matul is-sena kollha. Kemm nieħu gost nara dawk il-ġuvintur, il-Kapijiet tal-familji ta' għada, li kienu madwar il-vara fil-festa, kemm nieħu gost narahom il-knisja, jitqarbnu madwar il-mejda ewkaristika.

Ġejja issa okkażjoni sabiħa, ix-xahar ta' Ottubru, ix-xahar tar-Ruzarju tal-Madonna. Ejjew filgħaxija fis-6.00 p.m. biex flimkien, bħal familja waħda ngħidu din it-talba sabiħa. Nixtieq nara l-Knisja fgata bin-nies. Minn ġurnata ta' 24 siegħa li nqassmu bejn xogħol, ikel, irqad u rikreazzjoni, nagħtu imqar nofs siegħa kuljum 'l Alla. Dan iservina għall-ġid ta' ruħna biex ma nidhrux quddiemu b'idejna vojta.

Inselli għalikom u nberikkkom ilkoll.

IL-KAPPILLAN.

## NIFIRĦU

- lil Dorothy Lentini li fis-17 ta' Settembru ħadet il-libsa fl-Ordni tal-Franciscan Missionaries of Mary, bħala Sister Mary Clarissa of the Eucharist. Nifirħulha u nixtiqulha kull progress fil-ħajja ta' perfezzjoni li għażlet.

Fit-2 ta' Ottubru jkollna l-festa tar-Rużarju. Fit-8.00 a.m. Quddiesa Kantata. Fl-4.30 p.m. Għasar, paniġirku u purċissjoni. Fis-6.30 p.m. Quddiesa letta.

Il-quddiesa ta' filgħaxija matul ix-xahar ta' Ottubru tkun fis-6.30 p.m.

## RENDIKONT TAL-FESTA TA' SAN ĠILJAN (1966)

Qegħdin nippubblikaw ir-rendikont tal-ġbir u ta' l-ispejjeż kollha tal-festa bħala sodisfazzjon għalikom biex il-flus li tajtuna tkunu tafu eżattament kif intefqu.

**Dħul**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Bilanċ mis-sena 1965 | £60 | 2 | 3 |
| Ġbir mit-toroq fl-arborali: | | | |
| Lapsi Street | 27 | 15 | 6 |
| Carmel Street u St. Elia Street | 20 | 2 | 6 |
| St. Angelo Street | 7 | 13 | 6 |
| Birkirkara Hill u Ciantar Lane | 29 | 19 | 2 |
| Main Street | 34 | 6 | 0 |
| Bay Street, Steps u Junction | 8 | 10 | 0 |
| Mensija, Forrest u Wied Għomor | 29 | 10 | 0 |
| Grenfell Street | 21 | 3 | 0 |
| St. George's Road u Junction; Ross Street; St. Andrew's Road u Junction, St. Rita, St. Augustine Street | 29 | 14 | 0 |
| Paceville | 28 | 2 | 8 |
| Spinola Road, St. Joseph Street | 31 | 8 | 0 |
| Birkirkara Road, New Street | 20 | 4 | 4 |
| New Clarissi u Clarissi Street, Siġra Street, Taħt is-Siġar | 12 | 18 | 2 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Sacred Heart Road, Sacred Heart Avenue, Ballut, Bonavita, Imrabat, Old College, St. Julian's Hill | 22 | 4 | 4 |
| The Gardens | 34 | 17 | 6 |
| Ġbir ieħor (arborali li jidħlu wara) | 71 | 15 | 9 |
| Profitti mil-Lotterija (Xall) | 2 | 5 | 3 |
| Profitti mil-Lotterija (Dundjan) | 11 | 7 | 9 |
| Profitti mil-Lotterija (Għoġol) | 73 | 6 | 6 |
| Arboral għall-Kaxxa Infernali miġbur mis-Sur J. Debono u s-Sur C. Naizer | 63 | 10 | 0 |
| Profitti mill-Fiera (17. 7. 66) | 26 | 1 | 10 |
| Profitti mill-Fiera l-Kbira (8. 8. 66) | 91 | 12 | 9 |
| | £761 | 10 | 1 |

**Spejjeż**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Permessi tal-Pulizija | £3 | 3 | 0 |
| Festi ta' ġewwa fil-Knisja | 66 | 16 | 0 |
| Lil Maestro Nani għall-Mużika | 52 | 0 | 0 |
| 6,000 bomba musketterija | 15 | 0 | 0 |
| Lill-Każin tal-Banda San Ġiljan | 20 | 0 | 0 |
| Kaxxa infernali tad-dħul u tal-ħruġ | 68 | 0 | 0 |
| 30 Hamper lill-familji fqar | 25 | 8 | 0 |
| Lill-Ħaddiema ta' l-armar | 40 | 0 | 0 |
| Murtali tal-Ftuħ | 40 | 0 | 0 |
| Trattamenti | 26 | 1 | 8 |
| Ġiġġifogu (il-Ġimgħa u lejlet il-festa) | 40 | 0 | 0 |
| Illuminazzjoni tat-toroq | 140 | 0 | 0 |
| Spejjeż oħra | 9 | 4 | 0 |
| Baned | 53 | 0 | 0 |
| | £598 | 12 | 8 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Ġbir totali | £761 | 10 | 1 |
| Spejjeż totali | 598 | 12 | 8 |
| Bilanċ | £162 | 17 | 5 |

Din is-somma li baqgħet wara li ħallasna l-ispejjeż kollha tal-festa, inpoġġuha fil-Fund tal-Knisja l-ġdida.

Nirringrazzjakom minn qalbi għall-ġenerożità tagħkom li mingħajrha la konna nagħmlu festa u inqas u inqas kien jibqgħalna din is-somma sabiħa għall-knisja l-ġdida.

IL-KAPPILLAN.

## NIFIRHU LILL-MIŻŻEWĠIN ĠODDA

30. 7. 66 Saviour Xiberras (Kerċem, Għawdex) ma' Carmela Attard (San Ġiljan).
13. 8. 66 Joseph Colombo (Imsieraħ) ma' Margaret Saliba (San Ġiljan).
20. 8. 66 Nazareno Gauci ma' Tessie Vassallo (San Ġiljan).
20. 8. 66 Nicholas Borg (Sliema) ma' Doris Moore (San Ġiljan).
27. 8. 66 Anthony Mangion (Sliema) ma' Josephine Galea (San Ġiljan).
4. 9. 66 Alfred Psaila (C. Pawla) ma' Mary Tanti (San Ġiljan).
11. 9. 66 John Ellul (Qrendi) ma' Sina Saliba (San Ġiljan).

## MULEJ AGĦTIHOM IL-MISTRIEĦ TA' DEJJEM

15. 8. 66 Barbara bit Ablakat (68) mill-Ukraine, Russja.
16. 8. 66 Lucienne Cefai (11-il sena) ta' "Rosarie", Ross Street.
2. 9. 66 Helen Borg (85 sena) ta' 6, Sacred Heart Avenue.
6. 9. 66 Beatrix Falzon Sant Manduca (89 sena) ta' Wilġa Street, Paceville.
14. 9. 66 Maria Mallia (63 sena) ta' 9, St. Andrew's Junction.

Nagħtu l-għomor lill-familji tagħhom.

"Empire Press."